MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 10/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmen Butler**
**-- *omissis* --**

(Att ta' Akkuza 10/2006)

Illum, 26 ta' Frar 2009

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta' Frar 2008. L-Avukat Generali qed jibbaza dana l-appell tieghu fuq disposizzjonijiet, relattivament godda – gew introdotti bl-Att III tal-2002 – li jipprovdu hekk:

**Art. 500(2): Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28I u tal-Att dwar il-*Probation*, jekk l-Avukat Generali jkun jidhirlu li s-sentenza hija wahda mtaffija hafna[1], huwa wkoll jista' jappella minn decizjoni ta' sejbien ta' htija ta' persuna ghal reat li ghalih tista' tehel prigunerija ghal zmien ta' izjed minn sentejn jekk is-sentenza tkun applikat id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 jew ta' l-artikoli 28A sa 28H jew id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation*.**

**Art. 501(4): Fuq appell kontra sentenza mill-Avukat Generali, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha jekk jidhrilha li kellha tinghata sentenza aktar gravi, thassar is-sentenza moghtija fil-kawza u taghti dik is-sentenza aktar gravi gustifikata bil-ligi minflok l-ohra kif jidhrilha li kellha tinghata, u f'kull kaz iehor ghandha tichad l-appell.**

**2.** F'dan il-kaz, Carmen Butler u bintha Stephanie Butler kienu akkuzati flimkien, permezz ta' kap wiehed f'Att ta' Akkuza pprezentat fil-Qorti Kriminali fil-5 ta' Mejju 2006, bir-reat ta' hasil ta' flus – *money laundering* – kif definit fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta[2] u punit bl-Artikolu 3(1) ta' l-istess kapitolu. F'dan l-Att ta' Akkuza r-reat gie propost bhala wiehed kontinwat fis-sens tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

**3.** B'verdett moghti fil-15 ta' Frar 2008, il-gurati, b'sitt voti favur u tlieta kontra, sabu lil Carmen Butler hatja skond l-Att ta' Akkuza. Fil-verdett taghhom huma talbu "il-klemenza tal-Qorti ghax inhass li s-sinjura Carmen Butler kienet vittma ta' sitwazzjoni familjari difficli". Bi tmien voti

[1] "Unduly lenient", fit-test Ingliz.
[2] L-Att kontra *Money Laundering*.

favur u vot wiehed kontra, il-gurati sabu lil Stephanie Butler mhux hatja skond l-Att ta’ Akkuza.

**4.** Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Kriminali kkundannat lil Carmen Butler sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*, u kkundannat lill-istess Carmen Butler thallas fi zmien xahrejn l-ispejjez peritali ammontanti ghal hamest elef sitt mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€5,679.34). Dik il-Qorti waslet ghall-imsemmija sentenza wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Il-qorti semgħet lix-xhud Stephanie Butler, bint il-ħatja, tixhed dwar il-kondizzjoni tagħha u ta’ ommha, u semgħet ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mill-avukati dwar piena kif irid l-art. 490 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni illi l-qorti trid tqis u żżomm bilanċ bejn is-sitwazzjoni soġġettiva tal-ħatja u l-gravità tad-delitt, u s-sottomissjoni tad-difiża dwar:

a. illi l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali, dwar reat kontinwat, għandu jiftehem fil-kuntest partikolari tad-delitt ta’ *money laundering* fis-sens illi dan id-delitt, għalkemm jista’ jsir b’att wieħed u ta’ darba, madankollu min-natura tiegħu jimplika ċertu *system of conduct* u *pattern* u għalhekk ma hux xieraq illi l-ħati jkun penalizzat darbtejn: darba għax id-delitt fih innifsu jinfirex fuq diversi atti u darba oħra taħt l-art. 18;
b. illi nstabet ħtija b’verdett minimu ta’ sitt voti;
c. illi l-ġurija kolleġġjalment talbet il-ħniena tal-qorti mal-ħatja għax inħass illi din kienet “vittma ta’ sitwazzjoni familjari diffiċli”;
d. illi l-ħatja kellha kondotta, sallum, nadifa;
e. illi dan huwa “każ sfortunat”; u
f. illi, minħabba fis-sitwazzjoni ta’ saħħa ta’ bint il-ħatja u ta’ bint bintha, meta tqis illi l-missier qiegħed jiskonta sentenza twila ta’ ħabs f’pajjiż ieħor, din teħtieġ il-preżenza ta’ ommha.

“Għal dawn ir-raġunijiet id-difiża talbet illi l-qorti tagħti sentenza ta’ priġunerija sospiża għax din tkun xierqa għall-każ.

“Il-qorti rat illi, skond l-art. 3(1) ta’ l-Att kontra *Money Laundering* [Kap. 373], il-piena għal min jinstab ħati taħt dik il-liġi hija ta’ multa ta’ mhux iżjed minn Lm1,000,000 (miljun lira) – żewġ miljuni, tliet mija u disgħa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€2,329,373.40) – jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn erbatax-il sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

“Meta tqis illi hemm massimu x’aktarx għoli ta’ piena iżda ma hemmx minimu, u li għalhekk tħalliet diskrezzjoni wiesa’ f’idejha, il-qorti trid tqis fatturi oġġettivi, fosthom il-kwantita` u l-valur tal-flus “maħsula” u l-frekwenza ta’ dan l-għemil, u wkoll fatturi soġġettivi bħal ma huma s-sitwazzjoni personali tal-ħati u l-malvaġità ta’ l-intenzjoni kriminuża.

“Il-qorti tibda biex tgħid illi, fis-sitwazzjoni tal-każ tallum, fejn ċertament hija tal-fehma illi l-piena ma għandhiex tingħata fil-massimu u fejn ma hemmx minimu impost mil-liġi, jekk hux applikabbli jew le l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali huwa punt x’aktarx akkademiku milli ta’ relevanza prattika. Għalkemm taqbel mal-prosekuzzjoni illi huwa konċepibbli r-reat ta’ *money laundering* b’att wieħed biss ta’ riċiklaġġ, ma hux meħtieġ li jingħad iżjed fuq dan billi ż-żjieda fil-piena hija fakoltativa u ma hux il-każ li l-qorti tinqeda b’din is-setgħa.

“Il-qorti tifhem ukoll illi l-għan aħħari ta’ kull min jikser il-liġi hu li jagħmel qligħ mill-attività kriminali tiegħu, u għalhekk min hu ħati ta’ *money laundering* qiegħed, bil-għemil tiegħu, isaħħah il-fehma ta’ min irid jikser il-liġi għax isaħħaħlu s-setgħa li jagħmel qligħ mill-attività tiegħu. Għalhekk, oġġettivament, dan id-delitt huwa wieħed serju u gravi, u huma meħtieġa disinċentivi serji kontrieh.

“Huwa relevanti wkoll illi l-ħatja nqdiet ukoll b’bintha, dak iż-żmien tifla ta’ ħmistax-il sena, biex twettaq il-ħsieb

tagħha u b'hekk mhux biss daħħlet lil bintha fit-trawma tal-proċess penali iżda setgħet ukoll iddaħħalha minn età x'aktarx żgħira f'ħajja ta' kriminalità, biex hekk tagħmel lil bintha wkoll vittma oħra ta' l-attività tagħha.

"Madankollu, fil-każ tallum il-qorti ma tistax ma tqisx it-talba għal ħniena magħmula mill-ġurati u l-fatt illi bint il-ħatja, Stephanie Butler, f'mument diffiċli ta' ħajjitha meta għandha problemi gravi ta' saħħa u hija mċaħħda minn missier, teħtieġ il-preżenza u għajnuna ta' ommha.

"Il-qorti tifhem ukoll illi l-ammont ta' flus riċiklati – madwar erbgħa u għoxrin elf lira (Lm24,000), li x'aktarx li mhux kollha, u forsi wkoll mhux il-parti l-kbira minnhom, ġew minn attività kriminali relevanti għall-għanijiet tal-każ tallum – għalkemm somma mhux traskurabbli madankollu ma hijiex tali li tagħmel il-każ tallum fost l-aktar każijiet gravi.

"Relevanti wkoll illi ma nġibitx prova illi l-ħatja għandha preċedenti penali.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiża illi fil-każ tallum hija indikata piena ta' priġunerija sospiża, u temmen illi għalkemm hemm ħtija, din fiċ-ċirkostanzi timmerita illi l-ħatja tingħata l-benefiċċju taħt l-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali."

**5.** L-appell ta' l-Avukat Generali, prezentat fl-4 ta' Marzu 2008, huwa wiehed dettaljat u studjat, u din il-Qorti hija grata lill-avukat li rredigieh ghad-diversi referenzi li fih ghall-kazistika Ingliza u ta' gurisdizzjonijiet ohra tal-*Commonweath* fejn si tratta ta' appelli da parti tal-prosekuzzjoni minhabba li s-sentenza tkun, skond l-appellant, "unduly lenient", u dan stante n-novita` relattiva ta' dan l-appell. Jinghad "novita` relattiva" ghax ghalkemm, sa fejn setghet tifhem u tara din il-Qorti, dan huwa l-ewwel kaz fejn l-Avukat Generali qed jibbaza d-dritt ta' appell tieghu fuq l-Artikolu 500(2) tal-Kodici Kriminali – introdott bl-Att III tas-sena 2002 – fil-verita` isiru hafna appelli da parti ta' l-Avukat Generali minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali (u dan skond ma jipprovdi l-Artikolu 413(1)(c) tal-imsemmi Kodici) li jkunu msejjsa fuq l-argument li l-piena erogata mill-Qorti Inferjuri kienet “unduly lenient”.

**6.** Issa, il-kliem operattiv ta’ l-Artikolu 500(2) huma “imtaffija hafna” – “unduly lenient”. Mela mhux semplicement “lenient”, izda hafifa jew imtaffija “unduly” u cioe` b’mod ezagerat, mhux gustifikabbli, jew addirittura li jmur kontra xi disposizzjoni espressa tal-ligi. Kif tajjeb u lealment osserva l-appellant Avukat Generali fir-rikors ta’ appell tieghu (u dan b’referenza ghar-rapport tal-*Law Reform Commission* ta’ l-Irlanda intitolat **Consultation Paper on Prosecution Appeals from Unduly Lenient Sentences in the District Court** tal-2004 [3]) biex wiehed ikun jista’ jghid li hemm sentenza “unduly lenient” li tirrikjedi l-intervent ta’ qorti fi grad oghla, dik is-sentenza trid tkun, ghall-anqas bhala regola, wahda *“[that] flies in the face of fundamental reason and common sense”*[4]*.* Il-qorti fi grad oghla normalment tistaqsi lilha nfisha *“Was [there] anything in the way of an abuse of discretion or anything irrational in the course that [the sentencing judge] took?”*[5] Dawn l-istess kriterji huma riflessi fil-gurisprudenza Ingliza. Hekk, per ezempju, il-*Court of Appeal (Criminal Division)* f’**Attorney General’s Reference (No. 4 of 1989)**[6] esprimiet ruhha hekk:

“The first thing to be observed is that it is implicit in the section that this court may only increase sentences which it concludes were unduly lenient. It cannot, we are confident, have been the intention of Parliament to subject defendants to the risk of having their sentences increased – with all the anxiety that this naturally gives rise to – merely because in the opinion of this court the sentence was less than this court would have imposed. A sentence is unduly lenient, we would hold, where it falls outside the range of sentences which the judge, applying his mind to all the relevant factors, could reasonably consider appropriate. In that connection regard must of course be

[3] The Law Reform Commission, Dublin – LRC CP 33-2004.
[4] **State (Keegan) v. Stardust Victims Compensation Tribunal** [1986] IR 642 at 658.
[5] **Meagher v. O’Leary** [1998] IR 33 at 48.
[6] [1990] 1 WLR 41 at 45-46

had to the reported cases, and in particular to the guidance given by this court from time to time in the so called guideline cases. However it must always be remembered that sentencing is an art rather than a science; that the trial judge is particularly well placed to assess the weight to be given to various competing considerations; and that leniency is not in itself a vice. That mercy should season justice is a proposition as soundly based on law as it is in literature.”

**7.** U f’kaz iehor gej mill-Iskozja – **Her Majesty’s Advocate v. Bell** [7] – inghad hekk mill-*Court of Session*[8] :

“It is clear that a person is not to be subjected to the risk of an increase in sentence just because the appeal court considers that it would have passed a more severe sentence than that which was passed at first instance. The sentence must be seen to be unduly lenient. This means that it must fall outside the range of sentences which the judge at first instance, applying his mind to all the relevant factors, could reasonably have considered appropriate…There may also be cases where, in the appropriate circumstances, a lenient sentence is entirely appropriate. It is only if it can properly be said to be unduly lenient that the appeal court is entitled to interfere with it…”[9]

**8.** Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel qorti) li kien jincidi b’mod partikolari fuq il-piena. S’intendi, kif diga` nghad, “sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi

---

[7] [1995] SCCR 244
[8] Mhux mill-*Court of Appeal (Criminal Division)*, kif erroneament indikat fir-rikors ta’ appell.
[9] At 250D.

precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

**9.** Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, sentenza tkun ukoll "unduly lenient" ghall-finijiet tal-Artikolu 500(2) tal-Kap. 9 meta tkun barra mill-parametri tal-ligi fis-sens tal-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali, u cioe` tkun piena li, minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha, tkun differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat sentenza. F'kaz simili, l-"undue leniency" tkun tirrizulta mill-fatt li ma tkunx giet osservata l-ligi.

**10.** Applikati dawn il-principji, u wara li ezaminat bir-reqqa kemm is-sottomissjonijiet tal-appellant Avukat Generali, dawk tal-appellata, kif ukoll l-atti tal-kawza, din il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza appellata m'ghandhiex tigi disturbata. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, il-piena ghar-reat ta' *money laundering* skond l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 373 hija multa ta' mhux izjed minn €2,329,373.40 (u allura, la ma hemmx minimu stabbilit, japplika l-Artikolu 11(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal minimu ta' €23) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn erbatax-il sena, jew dik il-multa u prigunerija flimkien[10]. Ma hemmx minimu ghal dik li hija prigunerija, u anqas ma teskludi l-ligi l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghal dan ir-reat ta' *money laundering*. L-ewwel Qorti spjegat b'mod dettaljat ir-ragunijiet li wassluha sabiex teroga piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal hames snin. F'dan il-kaz, apparti t-talba tal-gurati ghall-klemenza, l-ewwel Qorti osservat in partikolari li l-ammont ta' flus riciklat x'aktarx li mhux kollu, u forsi wkoll mhux il-parti l-kbira minnu, kien gej minn attivita` kriminali.

[10] A propositu ta' piena ghandu jigi precizat li l-ligi, ghal dak li jirrigwarda konfiska ta' proprjeta` tal-hati, kienet, fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, u cioe` f'Jannar tas-sena 2002 u fix-xhur ta' qabel, differenti milli kif inhi llum. L-Avukat Generali, fir-rikors ta' appell tieghu b'ebda mod u f'ebda hin ma ressaq xi argument li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika xi piena ta' konfiska b'zieda ma' dik ta' prigunerija, sospiza o meno.

**11.** Anqas ma tara din il-Qorti li jista' jsir tqabbil bejn il-kaz in dizamina u dawk indikati mill-Avukat Generali fir-rikors tieghu u fin-nota minnu prezentata fil-11 ta' Novembru 2008. Fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Maria Abela**, deciz mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Marzu 2007, Abela giet dikjarata hatja, fuq ammissjoni taghha, ta' mhux wiehed izda erba' reati u senjatament *money laundering*, falsifikazzjoni ta' skrittura privata li tista' taghmel hsara lil persuna jew iggib utili, falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku, u uzu xjenti ta' dokumenti foloz. L-ammont ta' flus jew riciklat jew altrimenti trafugat kien jeccedi s-somma ta' Lm71,000. F'dak il-kaz il-piena ta' prigunerija kienet ta' sitt snin. Fil-kaz **Il-Pulizija v. Nevio Barut**, deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Novembru 2007, fejn inghatat piena ta' tliet snin prigunerija, l-imsemmi Barut kien gie dikjarat hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' promozzjoni ta' ghaqda biex isir reat, appartenenza f'tali ghaqda, assocjazzjoni ("conspiracy") biex isir reat, truffa, uzu xjenti ta' att, kitba jew skrittura falza kif kontemplat fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9, falsifikazzjoni u uzu xjenti ta' dokumenti ohra, ricettazzjoni u *money laundering*. Il-kaz l-iehor citat mill-Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti (komposta minn imhallef wiehed) tas-6 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Borg**, ma hux relevanti, ghax f'dak il-kaz din il-Qorti kienet illiberat lill-imsemmi Borg mill-akkuza ta' *money laundering* marbut ma' traffikar ta' droga.

**12.** L-aktar li wiehed jista' jghid dwar is-sentenza appellata tal-15 ta' Frar 2008 hu li din kienet wahda miti – "lenient" – izda b'ebda mod ma jista' jinghad li kienet "unduly lenient" fis-sens aktar 'il fuq imfisser.

**13.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata. A skans ta' ekwivoci qed jigi precizat li l-periodu operattiv tas-sentenza sospiza beda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata u cioe` mill-15 ta' Frar 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------